SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET
TAL-ANNIMALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR
AGRICULTURE, FISHERIES AND
ANIMAL RIGHTS

MALTA

# FULJETT INFORMATTIV FUQ IR-REGOLAMENTI DWAR L-INSIB TAL-GĦASAFAR

**REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat/Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71[1])**

## TAGĦRIF ĠENERALI

Dan il-fuljett huwa maħsub biss biex jagħti spjegazzjoni ħafifa tar-regolamenti. Wieħed għandu dejjem jirreferi għar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, kif emendati (L.S. 504.71). Fil-każ tal-insib wieħed għandu ukoll jirreferi għar-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) kif emendati (L.S. 504.113)[2] u r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana) (L.S. 504.124)[3].

## DOKUMENTI U PERMESSI MEĦTIEĠA

l-Insib għall-għasafar jista' jsir biss :

- b'liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
- b'liċenzja maħruġa mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (il-*Carnet de Chasse*) u li magħha għandu jkun hemm kopja tal-pjanti approvati mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi li jindikaw is-siti tal-insib; u
- b'liċenzja speċjali li tawtorizza lin-nassab sabiex jonsob għall-Pluviera u Malvizz u/jew għall-Għasafar tal-Għana

Waqt kull attività tal-insib, in-nassab għandu dejjem iġorr miegħu:

- il-liċenzja tal-insib maħruġa mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (il-*Carnet de Chasse*) bil-pjanti mehmuża;
- il-liċenzja speċjali skont għall-liema speċi ta' għasafar qed isir l-insib ; kif ukoll
- il-Karta tal-Identità jew xi mezz ieħor rikonoxxut ta' identifikazzjoni.

## GĦASAFAR PROTETTI

Ħadd ma jista' :

- jonsob jew jipprova jonsob għal xi għasfur li huwa protett;
- jikkawża ħsara jew ineħħi b'kull mod bejta u bajd tal-għasafar;
- jieħu l-bajd mis-selvaġġ u jżomm dak il-bajd lanqas jekk ikun vojt;
- intenzjonalment jiddisturba lil xi għasfur waqt iż-żmien ta' tnissil u trobbija;
- iżomm xi għasfur protett fil-maqful.

## ŻAMMA TAL-GĦASAFAR FIL-MAQFUL

Waqt l-istaġun magħluq tal-insib ebda persuna ma tista' żżomm xi għasfur ġo gaġġa li tkun inqas minn 250mm għolja, 250mm twila u 150mm wiesgħa u li meta jitqies id-daqs tal-għasfur, ma tkunx kbira biżżejjed biex l-għasfur ikun jista' liberament jiftaħ ġwenħajh. Iżda waqt l-istaġun miftuħ tal-insib, dawk l-għasfar li jistgħu jintnasbu jistgħu jinżammu ġo gaġeġ iżgħar skont ir-regolamenti li jirregolaw l-insib ta' dawk l-għasafar (ara il-qisien taħt it-titolu 'Il-gabjetti/qofsa' f'paġna 4).

## METODI MHUX PERMESSI GĦALL-INSIB TAL-GĦASAFAR

Dawn il-metodi li ġejjin ma jistgħux jintużaw għal skop ta' insib:

- nases;

[1] L.S. 504.71: http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2
[2] L.S. 504.113: http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11936&l=2
[3] L.S. 504.124: http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=12211&l=2

- snanar, lixka velenuża jew li tħeddel jew xi sustanzi jew metodi simili;
- kolol inklużi kolol tal-għasafar;
- apparat li jitfa' d-dawl fuq xi oġġett jew apparat li jgħin biex wieħed jara l-priża bil-lejl inkluż apparat elettroniku li jkabbar jew jikkonverti x-xbiha;
- mirja;
- gas;
- xi mezz elettriku jew elettroniku speċjalment *pre-recorded bird calls;*
- xbieki inklużi ranja, xibka tal-arja (*mist nets*) u kull tip ta' xibka wieqfa;
- kull tip ta' trabokk, kemm bix-xibka jew mingħajra;
- għasafar ħajjin tat-taħrik li jkunu ġew mogħmija jew sfreġati;
- għasafar tat-taħrik li jkunu ġew imbragati mhux bi spag tat-tajjar u torniket (*swivel*);
- għajat u taħrik ta' għasafar protetti;
- dawl artifiċjail;
- splussivi;
- xi apparat li jagħti xokk elettriku.

**STAĠUN MIFTUĦ U ĦINIJIET PERMESSI GĦALL-INSIB**

L-insib jista' jsir biss mill-20 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, iż-żewġ dati inklużi.

Waqt l-istaġun miftuħ għall-insib, l-insib jista' jsir biss minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx.

**POSTIJIET MINN FEJN JISTA' JEW MA JISTAX ISIR L-INSIB**

L-insib jista' jsir biss minn fuq dawk l-imnasab immarkati fuq il-pjanti approvati mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u li n-nassab ġie liċenzjat fuqhom.

L-ebda nsib ma' jista' jseħħ minn:

- fuq dawk iż-żoni protetti li jkunu ġew imħarsa minħabba l-importanza naturali tagħhom; jew
- ġewwa xi santwarju tal-għasafar; jew
- ġewwa xtajtiet protetti u sa 50 metru 'l bogħod minnhom.

**SANTWARJI TAL-GĦASAFAR**

Fis-Santwarji tal-Għasafar ħadd ma jista':

- jonsob jew jipprova jonsob għal xi għasfur;
- fl-ebda waqt u bi kwalunkwe mezz ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, xi għasfur, ħaj jew mejjet;
- ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi għasafar tat-taħrik, xbieki jew xi mezz ieħor biex jonsob għall-għasafar.

IŻDA

- nassab liċenzjat jista' jġorr xbieki għall-insib ġewwa vettura miexja li tkun qed tinsaq minn toroq prinċipali f'Santwarju tal-Għasafar.

**Lista ta' Santwarji tal-Għasafar**

1. Iċ-Ċimiterju tal-Addolorata u l-madwar*
2. Sa 50m minn kull ċimiterju ieħor f'Malta u f'Għawdex
3. Kennedy Grove u s-Salini u l-madwar*
4. Il-Ground tal-Isports tal-Marsa*
5. San Anton u l-ġonna pubbliċi kollha
6. L-inħawi ta' Portes-des-Bombes (Il-Bombi) li jinkludi is-Swar tal-madwar*
7. Manoel Island
8. Il-madwar tal-Għadira fil-Bajja tal-Mellieħa*
9. Sa 200m mill-Ajruport ta' Ħal Luqa u sa 50m mid-dawl li juri it-triq għar-*runways*
10. Il-Gżira ta' Kemmuna
11. Il-Gżira ta' Filfla
12. Il-Palazz tal-Verdala u l-Buskett*
13. L-Għoljiet Ta' Ċenċ*
14. Il-Kumpless ta' Ta' Qali *

15. Sa 50m mill-Istazzjoniet tar-Radju mħaddma mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili
    i. F'Bengħisa, Birżebbuġa
    ii. Fl-Għoljiet ta' Ħad-Dingli
    iii. F'Wied Rini, ir-Rabat
    iv. Forti San Rokku, Rinella
    v. l-Istazzjon tal-VOR f'Kerċem
16. Is-Simar, San Pawl il-Baħar*
17. Il-madwar tal-Ballut Marsaxlokk*
18. Il-Gżejjer ta' San Pawl
19. Il-Girgenti*
20. Wied Għollieqa*
21. Il-Qawra/Dwejra, Għawdex*
22. L-Għolja Ta' Għammar, Għawdex*
23. Sa 200m mill-*Heliport,* Għajnsielem, Għawdex*

** Il-limiti ta' dawn is-Santwarji tal-Għasafar huwa ppublikat fuq mapep fl-Avviż Legali 79 tal-2006, kif emendat (L.S. 504.71).*

## XTAJTIET PROTETTI

Ebda persuna m'għandha tonsob jew tipprova tonsob għal xi għasfur waqt li tkun qiegħda fix-xtajtiet msemmija hawn taħt u sa 50 metru 'l barra mill-linji ta' delinjazzjoni skont il-pjanti mehmuża fir-regolamenti:

*Malta*

Il-Bajja tal-Armier
Il-Prajjiet (Anchor Bay)
Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa
Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay)
Il-Bajja tal-Ġnejna
Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay)

*Għawdex*

Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini
Ir-Ramla l-Ħamra
Il-Bajja ta' San Blas
Ix-Xatt l-Aħmar
Il-Bajja tax-Xlendi

## DURI ILLEGALI

Duri mibnija:

- fil-konfini ta' Santwarji tal-Għasafar, jew
- f'xi waħda mix-xtajtiet protetti

jitqiesu bħala illegali u għaldaqstant dawn jistgħu jitwaqqgħu b'ordni tat-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

## GĦASAFAR LI JISTGĦU JIĠU MINSUBA

Bil-liċenzja speċjali għall-insib tal-Pluviera u l-Malvizz jistgħu jiġu maqbuda biss dawn l-ispeċi :

| | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | ISEM XJENTIFIKU |
|---|---|---|---|
| 1 | Pluviera | Golden Plover | *Pluvialis apricaria* |
| 2 | Malvizz | Song Thrush | *Turdus philomelos* |

Bil-liċenzja speċjali għall-insib tal-Għasafar tal-għana jistgħu jiġu maqbuda biss dawn l-ispeċi :

| | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | ISEM XJENTIFIKU |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġojjin | Linnet | *Carduelis cannabina* |
| 2 | Gardell | Goldfinch | *Carduelis carduelis* |
| 3 | Verdun | Greenfinch | *Carduelis chloris* |
| 4 | Ekru | Siskin | *Carduelis spinus* |
| 5 | Taż-Żebbuġ | Hawfinch | *Coccothraustes coccothraustes* |
| 6 | Sponsun | Chaffinch | *Fringilla coelebs* |
| 7 | Apparell | Serin | *Serinus serinus* |

F'każ li nassab b'mod aċċidentali jaqbad xi għasfur ieħor barra dak indikat fil-liċenzja speċjali, dan għandu immedjatament jeħilsu lura fis-selvaġġ.

## LIMITAZZJONIJIET DWAR L-IMNASAB U L-APPARAT GĦALL-INSIB

### L-imnasab

L-insib għall-għasafar jista' jsir biss permezz ta' par xbieki tradizzjonali mifruxa ċatti mal-art (*clap-nets*) li jaqbdu l-għasafar billi jinqelbu fuq xulxin mal-art u li jkunu kkargati, meqluba u mrodda lura biss mill-bniedem mingħajr l-użu ta' mezzi ta' saħħa esterna, inklużi mezzi elettriċi, elettroniċi, jew mekkaniċi.

F'ħinijiet differenti, nassab jista' jagħmel użu minn massimu ta' żewg duri li jinsabu f'żewġ postijiet differenti iżda kull dura ma jistax ikollha iżjed minn żewġ pari xbieki.

Kull nassab liċenzjat jista' jħaddem sa massimu ta' żewġ pari xbieki minn ġo dura waħda biss f'daqqa.

### Ix-xbieki

Fil-każ tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz, l-ebda xibka ma tista' teċċedi 60 metru kwadru u l-malji ma jistgħux ikunu iżgħar minn 30 millimetru tul bi 30 millimetru wisa'.

Fil-każ tal-insib għall-għasafar tal-għana l-ebda xibka ma tista' teċċedi it-38 metru kwadru u l-malji tax-xibka ma jistgħux ikunu iżgħar minn 18mm tul bi 18mm wisa'.

Jekk nassab se jonsob għall-Pluviera u l-Malvizz kif ukoll għall-għasafar tal-għana jista' jkollu wieħed miż-żewġ stazzjonijiet (massimu ta' żewġ imnasab minn dura waħda) użat esklussivament għall-insib tal-Malvizz/Pluviera iżda mhux għall-għasafar tal-għana, fliema każ jista' jużа qisien fejn l-ebda xibka ma teċċedi 60 metru kwadru u l-malji mhux iżgħar minn 30 millimetru tul bi 30 millimetru wisa'.

### Għajat u Taħrik

Waqt l-insib għall-Imlievez u l-Pluvieri jistgħu jintużaw total ta' 10 għasafar tat-taħrik u għajat li jkunu mmarkati bi ċrieket apposta li jkunu approvati mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

Waqt l-insib għall-għasafar tal-għana jistgħu jintużaw total ta'  21 għasfur tal-għana jew bgħula tagħhom għat-taħrik u għajat li jkunu mlibbsin ċurkett magħluq, jew ċurkett li jintuża darba biss approvat mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, iżda qatt ma jistgħu jintużaw aktar minn 7 għasafar tat-taħrik jew għajat tal-istess speċi jew bgħula tagħhom.

### Il-gabjetti/qofsa

Waqt l-istaġun miftuħ, l-għasafar tal-għana jew il-bgħula tagħhom, il-pluvieri u l-imlievez li jintużaw għall-għajat jew taħrik u dawk li jkunu inqabdu mis-selvaġġ m'għandhomx jinżammu ġo gabjetti/qofsa iżgħar minn dawk indikati hawn taħt:

| Speċi | Qisien minimu tal-gabjetti/qofsa waqt l-istaġun miftuħ | | |
|---|---|---|---|
| | *Tul* | *Wisa'* | *Għoli* |
| **Tal-Għana** | 190mm | 130mm | 120mm |
| **Imlievez** | 210mm | 160mm | 200mm |
| **Pluvieri** | 280mm | 240mm | 240mm |

## KWANTITÀ TA' GĦASAFAR LI JISTGĦU JIĠU MAQBUDA

Ebda persuna liċenzjata sabiex tonsob għall-Imlievеż u l-Pluvieri ma tista' taqbad iżjed minn total ta' 6 għasafar b'kollox f'kull staġun. Ebda persuna liċenzjata sabiex tonsob għall-għasafar tal-għana ma tista' taqbad iżjed minn total ta' 10 għasafar tal-għana f'kull staġun.

## IMMARKAR TAL-GĦASAFAR MAQBUDA MINN NASSAB

Meta nassab jaqbad xi għasfur tal-għana dan għandu immedjatament ilibbislu ċurkett approvat mit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

## INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID TAL-GĦASAFAR LI TRID TINGĦATA MINN NASSAB

### Informazzjoni li trid titniżżel fuq il-*Carnet de Chasse*

Il-persuna liċenzjata għandha tniżżel fuq il-*Carnet de Chasse* id-data meta ħarġet tonsob u l-post tal-insib kif ukoll liema għasafar qabdet u l-kwantità qabel ma tħalli s-sit tal-insib.

Fi żmien għaxart'ijiem wara li l-perjodu ta' validità tal-*Carnet de Chasse* jiskadi, dan għandu jiġi ritornat bl-informazzjoni meħtieġa kollha, lit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

### Informazzjoni li trid tingħata bil-mowbajl

Il-persuna liċenzjata trid immedjatament tirraporta il-qbid ta' kull għasfur permezz tal-mowbajl tagħha.

### Informazzjoni li trid tingħata rigward għasfar imlibbsa ċurkett għal skopijiet xjentifiċi

Jekk in-nassab jaqbad xi għasfur li jkun imlibbes ċurkett li jkun tqiegħed fuq l-għasfur għal skop xjentifiku dan għandu jieħu nota tad-dettalji li hemm fuq iċ-ċurkett u immedjatament jeħles dak l-għasfur lura fis-selvaġġ, anka jekk dan jappartjeni għal xi wieħed mill-ispeċi li għalih ikun liċenzjat li jonsob. Id-dettalji meħuda minn fuq iċ-ċurkett min-nassab għandhom umbagħad jiġu mgħoddija minn nassab lit-Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi bil-posta immedjatament wara li jagħlaq l-istaġun.

## GĦAL AKTAR TAGĦRIF

Aktar tagħrif jista' jiġi miksub jew mill-Għaqda tiegħek jew mit-

Taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (*Wild Birds Regulation Unit*),
Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali
Ministeru Għal-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima
Casa Leoni, Triq Il-Kbira San Ġużepp,
Santa Venera SVR 1012.

TEL: (+356) 2388 6214 jew 2290 7314 / 7319 / 3821

Sit Elettroniku: http://msdec.gov.mt/en/Pages/WBRU/Wild-Birds-Regulation-Unit.aspx

email: wildbirds@gov.mt